**11 ta' April, 1995**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**

Vincent Bonnici *noe*

*versus*

Paul Cilia *et*

## Sentenza - Validita` ta' Tliet Snin - Kawża Oħra biex Takkwista Titolu Esekuttiv - *Res Judicata*

*Il-kumpannija attriċi kienet ġiet kanonizzata, b'sentenza tal-Qorti, kreditriċi tal-konvenuti. Laħqu għaddew tliet snin. Il-kumpannija pproponiet din il-kawża biex tkun tista' terġa' takkwista titolu esekuttiv.*

*F'azzjoni bħal din, bżonnjuża skond ma jiddetta l-artikolu 258 Kapitolu 12, ma jistgħux jinġiebu provi li setgħu jiġu prodotti fl-ewwel kawża għaliex din l-azzjoni ma tistax isservi la bħala appell mill-ewwel sentenza u wisq anqas bħala ritrattazzjoni tagħha.*

*Dik l-ewwel sentenza hija* res judicata *li għandha l-kwalifika ta' dik il-verita' ġuridika stabbilita għad-data li fiha ġiet ippronunzjata s-sentenza.* Res judicata pro veritate habetur.

*Huma ammissibbli provi sussegwenti għal dik id-data u ebda prova bħal din ma ġiet prodotta mill-konvenuti.*

Il-Qorti:-

Il-kumpannija attriċi fit-30 ta' Ġunju, 1986 kienet ġiet, mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ, kanonizzata kreditriċi tal-konvenuti fl-ammont ta'

*Omissis*;

Għaddew aktar minn tliet snin u billi d-debitu ma ġiex imħallas il-kumpannija pproponiet din il-kawża biex tkun tista' terġa' takkwista titolu esekuttiv;

*Omissis*;

*Fis-26 ta' Ottubru, 1992 it-talbiet attriċi ġew milqugħa* b'sentenza ta' l-imsemmija Qorti tal-Kummerċ;

Il-konvenuti appellaw għaliex deherilhom li dik il-Qorti kellha teżamina d-dokumenti li huma ppreżentaw biex jippruvaw illi ma kellhomx jagħtu s-somma li ġiet kanonizzata kontra tagħhom bl-ewwel sentenza dik tat-30 ta' Ġunju, 1986 li kienet ibbażata fuq il-kontumaċja tagħhom;

Dan l-aggravju pero' m'huwiex attendibbli. Hija korretta s-sentenza appellata li eskludiet dawk id-dokumenti, li kollha huma *antiċedenti d-data ta' dik is-sentenza tat-*30 ta' Ġunju, 1986;

F'azzjoni bħal din, bżonnjuża, skond ma jiddetta l-artikolu 258 Kapitolu 12, ma jistgħux jinġiebu provi li setgħu jiġu prodotti fl-ewwel kawża għaliex din l-azzjoni ma tistax isservi la bħala appell mill-ewwel sentenza u wisq anqas bħala ritrattazzjoni tagħha. Dik l-ewwel sentenza hija *res judicata* li għandha l-kwalfika ta' dik il-verita' ġuridika stabbilita għad-data li fiha ġiet ippronunzjata s-sentenza. *Res judicata pro veritate habetur*. Huma ammissibbli provi sussegwenti għal dik id-data, u ebda prova bħal din ma ġiet prodotta mill-konvenuti;

Għal dawn ir-raġunijiet, l-appell tal-konvenuti huwa miċħud u s-sentenza ta' l-ewwel grad hija kkonfermata;

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għall-konvenuti.